MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 1200/2005

**Charles Falzon I.D. 181678(M) ezercjenti l-kummerc taht l-isem ta' "Babet Bar"**

**Vs**

**Rokku Cutajar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ta' l-attur li bih talab li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija u tmienja u sebghin Euro u tnejn u disghin Euro cents (€878.92) - (Lm377.32c) rapprezentanti danni sofferti mill-attur ikkagunati minn hsarat li ghamel il-konvenut volontarjament gewwa l-fond "Babet Bar," Triq l-Imdawra, Zurrieq fid-19 ta' Frar, 2005.
Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv.

Ra r-Risposta tal-konvenut li eccepixxa illi primarjament, it-talba kif dedotta fil-konfront tal-konvenut hija wahda rrita u nulla, stante li ma saru l-ebda hsarat mill-konvenut fil-fond “Babet Bar,” fi Triq l-Imdawra, Zurrieq fil-gurnata tad-19 ta’ Frar, 2005.

Sekondarjament, minghajr pregudizzju u minghajr ebda assunzjoni ta’ htija, t-talba kif dedotta fil-konfront tal-konvenut hija esagerata u ntempestiva, stante li bonarjament il-konvenut diga’ offra somma flus lill-attur u kien l-istess attur li rrifjuta l-proposta tal-konvenut.

Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-somma pretiza mill-attur hija esagerata u inveritiera, u peress li l-konvenut diga’ bonarjament offra somma li tkopri ampjament ghad-danni kollha sofferti mill-attur fil-fond “Babet Bar,” fi Triq l-Imdawra, Zurrieq, il-konvenut m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ din l-istanza.

In vista tas-suespost, it-talba ta’ l-attur fil-konfront tal-konvenut ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Ra x-xhieda ta’ Paul Muscat li jispjega fid-19 ta’ Frar, 2005 waqt li kien qieghed fil-bar imsemmi proprjeta’ ta’ l-attur u kienu ser jghalqu kien dahal il-konvenut b’hadida mastizza u beda jkisser u jheddidhom. Dakinhar jikkonferma li kien kisser television u stand tat-television, zewgt imwejjed, serratura ta’ bieb li jinghalaq. Kisser ukoll sitt hgigiet fl-antiporta minn tmienja minnhom.
Ra x-xhieda ta’ Kevin Grech li jikkonferma dak li xehed Muscat u zied ukoll jghid li dak il-hin ma kienx hemm storbju ghaliex kienu wasslu biex jghalqu.

Ra x-xhieda ta’ Godfrey Zammit li kkonferma li waqt li kien fil-bar, kien dahal il-konvenut b’kanna f’idejh u beda jghajjat u kkonferma li kien hemm l-istess hsarat kif xehdu x-xhieda ta’qabel.

Jikkonferma wkoll li bid-daqqa t-television tkisser u t-television infaqa’ wkoll.

Ra x-xhieda tal-konvenut Rokku Cutajar li jikkonferma li hu kien jghix fuq il-bar u l-kamra tas-sodda tieghu kienet tigi ezatt taht il-bar u dawn dejjem bil-muzika sal-hamsa ta' filghodu. Darba fis-sajf meta kien mar jistrieh wara nofsinhar kien hemm il-muzika gejja mil-bar ukoll f'dawk il-hinjiet. Peress li l-pulizija qatt ma tawh widen, kien nizel fil-bar u kien kissirlu zewgt imwejjed, hgieg ta' barra u televisions bir-remote control.

Jghid li hu kien offra li jhallas mitejn lira ghall-hsara li kien ghamel, izda ma kienux waslu ghax l-attur kien talbu aktar milli kien dovut lilu.

Jghid ukoll li kien iffirma xi *statement*.

Ra x-xhieda ta' Jane Cutajar li tispjega li hi ma kienitx nizlet fil-hanut, pero' l-pulizija kienu tkellmu mar-ragel taghha, l-konvenut, li kien ammetta li kien kisser xi bieb tal-hgieg u zewgt imwejjed.
Ra x-xhieda ta' PS 739 Michael Borg li kien stazzjonat fl-ghassa taz-Zurrieq, dak iz-zmien ta' l-incident u jghid li kien sar rapport fid-19 ta' Frar, 2005 li kien sehh incident fil-"Babett Bar".

Jghid li meta nizel fuq il-post sab li kien hemm hgieg ta' l-antiporta imkisser. Kien gie nfurmat minn Charles Falzon u Paul Muscat li kien hemm incident meta Rokku Cutajar u cjoe' l-konvenut kien nizel fil-hanut u kkaguna hsara.

Is-Surgent jghid li kien innota wkoll li kien hemm mejda u zewg banketti li kienu mkissrin.

Kien personalment tela' jitkellem mal-konvenut u hemm sabu ma' martu u kien qed jibki ghal dak li kien ghamel, izda ma kienx felah izjed ghall-istorbju. Kien ukoll dispost li jhallas ghall-hsara li kien ikkaguna.

Is-Surgent jghid li hu kien ipprova jwassalhom ghall-ftehim, izda wara li kienu ghaddew ftit gimghat, l-attur kien infurmah li l-konvenut ma kienx mar ihallas.

Rigward it-televizjoni jghid li kien hemm allegazzjoni li l-konvenut kien ta daqqa lit-televizjoni fil-bar, it-televizjoni kien mitfi u lanqas talabhom jixgheluh, minkejja li kien hemm din l-allegazzjoni.

Ra d-dokumenti.

**Ikkunsidra**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li l-kawza hija wahda rrita u nulla stante li ma gewx ikkagunati hsarat, hija eccezzjoni insostenibbli u dan meta l-istess konvenut stess jammetti li kien nizel fil-hanut, meta ma setax jistrieh minhabba l-muzika li kienet gejja mill-“Babet Bar,” u kien ikkaguna hsara f’xi hgieg, zewgt imwejjed u t-televizjoni.

Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Dwar it-tieni eccezzjoni li l-kawza hija wahda intempestiva peress li kien diga’ dispost li jhallas ghall-hsara, pero’ kien l-istess attur li ma kienx accetta l-ammont li ried ihallas l-konvenut.

Il-konvenut jikkonferma li hu kien ghamel proposta li jhallas erba’ mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin Euro cents (€465.87) - (Lm200) ghall-hsara, li kien ikkaguna, izda l-attur riedu jhallas izjed minn hekk.

L-attur gab provi ta’ stima tal-hsarat li sofra. Ghal dak li jirrigwarda t-televizjoni, peress li ma giex indikat x’tip ta’ televizjoni kien hemm, it-Tribunal ihoss li ghandu jikkunsidra lanqas ammont u cjoe’ s-somma ta’ mitejn u wiehed u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin Euro cents (€221.29) - (Lm95). Fuq din il-kwistjoni tat-televizjoni, t-Tribunal ihoss li ghandu jemmmen lill-attur li l-konvenut kien ikkaguna hsara fit-televizjoni u dan meta l-istess konvenut jikkonferma din il-hsara u awtomatikament qed jassumi kwalsiasi responsabbilta’ li kellu.
Il-flus ghall-hsara fl-istand (Dokument B) pero’ hija wahda dubjuza, peress li ma ssemma xejn dwar xi hsara li setghet giet ikkagunata fl-istand, izda minkejja dan, il-konvenut lanqas ma gab provi kuntrarjament ghal dan u

lanqas ma gie nnutat mis-Surgent meta kien nizel fil-post ta’ l-incident.

It-Tribunal ghalhekk ihoss li l-ammont ghall-istand tat-televizjoni, m’ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni.

Hemm ukoll tlett mija u tnejn u sebghin Euro u sebghin Euro cents (€372.70) - (Lm160) bhala spejjez ta’ l-imwejjed, kif ukoll mija u ghoxrin Euro u erbgha u disghin Euro cents (€120.94) - (Lm51.92c) bhala spejjez ghall-hsara li giet ikkagunata fil-bieb. Hemm ukoll indikat wiehed u tmenin Euro u tlieta u hamsin Euro cents (€81.53) - (Lm35) bhala spejjez ghall-hgieg fil-bieb.

Ghal darb’ ohra, l-konvenut naqas li jikkombatti l-provi li ma kienx hemm hsara fil-bieb, ghajr ghall-hgieg u ghalhekk dawn il-hsarat ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni.

Dawn iwassal lit-Tribunal sabiex jikkunsidra l-ahhar eccezzjoni tieghu. Din l-eccezzjoni tirrigwarda l-ammont pretiz bhala wiehed esagerat.

Huwa minnu li l-konvenut kien offra erba’ mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin Euro cents (€465.87) - (Lm200) sabiex jaghmel tajjeb ghall-hsarat li kkaguna, izda ma kienx intlahaq ftehim. Fin-nuqqas, ghalhekk, it-Tribunal ikollu jikkunsidra l-ammonti li fuqhom gab provi l-attur u t-Tribunal diga’ ghamel il-konstatazzjonijiet tieghu fuq dan.

Il-konvenut ma gab xejn in sostenn ta’ dak li kien qed jallega. Ma gabx xi stimi jew cahad li seta’ laqat xi haga minn l-oggetti ndikati.

Ghalhekk it-Tribunal ser jakkolji l-istima moghtija mill-attur u jadottaha ghall-finijiet ta’ dina l-kawza.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jordna lill-konvenut ihallas lill-konvenut is-somma ta’ tmien mija u tmienja u sebghin

Euro u tnejn u disghin Euro cents (€878.92) - (Lm377.32c) rapprezentanti danni sofferti mill-attur ikkagunati minn hsarat li ghamel il-konvenut volontarjament gewwa l-fond “Babet Bar,” Triq l-Imdawra, Zurrieq fid-19 ta’ Frar, 2005 bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------